KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
RANTOS
ippreżentati fis-27 ta' April 2023[1]

Kawża C-45/22

HK
vs
Service fédéral des Pensions (SFP)

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-tribunal du travail francophone de Bruxelles (it-Tribunal Industrijali ta' Brussell bil-lingwa Franċiża (il-Belġju))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali – Regolament (KE) Nru 883/2004 – Artikolu 55(1)(a) – Kumulu ta' benefiċċji ta' natura differenti – Diviżjoni tal-ammonti tal-benefiċċju jew tal-benefiċċji jew ta' dħul ieħor, skont kif kienu ikkunsidrati, bin-numru ta' benefiċċji – Kunċett ta' 'ammonti skont kif kienu kkunsidrati' – Osservanza tal-karatteristiċi proprji tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali tas-sigurtà soċjali – Persuna li tirċievi diversi pensjonijiet tal-irtirar u tas-superstiti mħallsa minn Stati Membri differenti – Applikazzjoni tar-regoli nazzjonali antikumulu – Modalitajiet għall-kalkolu tal-ammont ta' pensjoni tas-superstiti"

I. Introduzzjoni

1. Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004[2], kif jirriżulta mill-premessi 1 u 45 tiegħu, għandu l-għan li jiżgura koordinazzjoni bejn is-sistemi nazzjonali tas-sigurtà soċjali tal-Istati Membri sabiex jiġi żgurat l-eżerċizzju effettiv tal-moviment liberu tal-persuni u, għaldaqstant, sabiex jikkontribwixxi għat-titjib tal-livell ta' għajxien u tal-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-persuni li jiċċaqilqu fi ħdan l-Unjoni.

2. F'dan il-kuntest, dan ir-regolament għandu l-għan, b'mod partikolari, li jillimita l-portata tar-regoli nazzjonali antikumulu fir-rigward tal-pensjonijiet tal-irtirar u tas-superstiti li għandhom l-effett li jnaqqsu l-benefiċċju li persuna assigurata tista' titlob fi Stat Membru għaliex hija tirċievi benefiċċju fi Stat Membru ieħor[3]. Għalhekk, l-Artikolu 55(1)(a) tal-imsemmi regolament jipprovdi li jekk l-għoti ta' benefiċċji ta' natura differenti jew dħul ieħor jimplika l-applikazzjoni tar-regoli antikumulu previsti mil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri kkonċernati

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72).

3 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-Kawża Il-Kummissjoni vs Malta (C-12/14, EU:C:2015:755, punt 1).

fir-rigward ta' żewġ benefiċċji awtonomi jew iktar, l-istituzzjonijiet kompetenti għandhom jiddividu l-ammonti tal-benefiċċju jew tal-benefiċċji jew ta' dħul ieħor, skont kif kienu ikkunsidrati, bin-numru ta' benefiċċji suġġetti għal dawn ir-regoli.

3. Kif għandhom jiġu interpretati t-termini "ammonti skont kif kienu ikkunsidrati" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni? B'mod iktar speċifiku, għandu jiġi diviż l-ammont totali tal-benefiċċji konċernati jew aħjar l-ammont ta' dħul li jaqbeż limitu massimu għall-akkumulazzjoni tad-diversi benefiċċji kkunsidrati? Din hija, essenzjalment, id-domanda magħmula mit-tribunal du travail francophone de Bruxelles (it-Tribunal Industrijali ta' Brussell bil-lingwa Franċiża (il-Belġju)), li hija bla preċedent, peress li l-Qorti tal-Ġustizzja għada qatt ma interpretat l-Artikolu 55 tar-Regolament Nru 883/2004.

4. It-talba għal deċiżjoni preliminari tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn HK, intitolat għal diversi pensjonijiet tal-irtirar u tas-superstiti mħallsa minn Stati Membri differenti, u s-Service fédéral des Pensions (is-Servizz Federali tal-Pensjonijiet, il-Belġju, iktar 'il quddiem is-"SFP") dwar il-modalitajiet ta' kalkolu tal-ammont tal-pensjoni tas-superstiti Belġjana li huwa jibbenefika minnha wara l-mewt tal-konjuġi tiegħu.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

1. Ir-Regolament (KEE) Nru 1408/71

5. L-Artikolu 46ċ tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71[4], introdott f'dan tal-aħħar permezz tar-Regolament (KEE) Nru 1248/92[5], intitolat "Dispożizzjonijiet speċjali applikabbli fil-każ ta' rkib (*overlapping*) ta' wieħed jew iktar benefiċċji li għalihom hemm riferenza fl-Artikolu 46a(1) ma' wieħed jew iktar benefiċċji ta' tip differenti jew ma dħul ieħor, fejn tnejn jew iktar Stati Membri huma konċernati", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Jekk ir-riċeviment ta' benefiċċji ta' tip differenti jew dħul ieħor jitolbu r-riduzzjoni, is-sospensjoni jew it-twaqqif ta' tnejn jew iktar benefiċċji li għalihom saret riferenza fl-Artikolu 46(1)(a)(i), l-ammonti li ma jkunux imħallsa b'applikazzjoni stretta tad-dispożizzjonijiet rigward ir-riduzzjoni, is-sospensjoni u t-tneħħija pprovdut għalihom bil-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru konċernat ikun diviż minn-numru ta' benefiċċji suġġetti għar-riduzzjoni, is-sospensjoni jew it-tneħħija."

6. Ir-Regolament Nru 1408/71 ġie mħassar u ssostitwit, mill-1 ta' Mejju 2010, permezz tar-Regolament Nru 883/2004.

[4] Regolament tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 1971 dwar l-applikazzjoni ta' l-iskemi tas-siġurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 35).

[5] Regolament tal-Kunsill tat-30 ta' April 1992 li jemenda r-Regolament Nru 1408/71 (ĠU 1992, L 136, p. 7).

2. Ir-Regolament Nru 883/2004

7. Skont il-premessi 1, 4, 28 sa 31 u 45 tar-Regolament Nru 883/2004:

"(1) Ir-regoli għall-kordinazzjoni tas-sistemi nazzjonali tas-sigurtà soċjali jaqgħu taħt il-qafas tal-moviment liberu ta' persuni u għandhom jikkontribwixxu għat-titjib tal-livell ta' għajxien tagħhom u tal-kondizzjonijiet ta' l-impjieg.

[…]

(4) Huwa neċessarju li l-karatteristiċi speċjali ta' leġislazzjoni nazzjonali dwar is-sigurtà soċjali jkunu rispettati u li tkun ippreparata biss sistema ta' kordinazzjoni.

[…]

(28) Hemm il-ħtieġa li jkun determinat l-ammont ta' pensjoni ikkalkulat skond il-metodu użat għall-għadd flimkien u għall-kalkulazzjoni pro rata u garantit mil-liġi tal-Komunità fejn l-applikazzjoni ta' leġislazzjoni nazzjonali, inklużi regoli dwar ir-riduzzjoni, sospensjoni jew twaqqif, tkun anqas favorevoli mill-metodu msemmi.

(29) Sabiex ħaddiema immigranti u s-superstiti tagħhom ikunu protetti minn applikazzjoni ħarxa ż-żejjed tar-regoli nazzjonali dwar riduzzjoni, sospensjoni jew tneħħija, huwa meħtieġ li jkunu inklużi disposizzjonijiet li jirregolaw b'mod strett l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli.

(30) Kif il-Qorti tal-Ġustizzja stqarret diversi drabi, il-Kunsill mhux meqjus bħala kompetenti sabiex jgħaddi regoli li jimponu restrizzjoni fuq l-*overlapping* ta' żewġ pensjonijiet, jew aktar, miksuba fi Stati Membri differenti billi jitnaqqas l-ammont ta' pensjoni miksuba biss taħt liġi nazzjonali.

(31) Skond il-Qorti tal-Ġustizzja, hija l-leġislatura nazzjonali li għandha ddaħħal regoli bħal dawn waqt li fl-istess ħin tirrikonoxxi li hija l-leġislatura Komunitarja li għandha tistabbilixxi l-limiti sa fejn għandhom ikunu applikati id-disposizzjonijiet nazzjonali dwar ir-riduzzjoni, sospensjoni jew twaqqif.

[…]

(45) Minħabba li l-objettiv ta' l-azzjoni proposta, jiġifieri l-miżuri ta' kordinazzjoni sabiex jiggarantixxu li d-dritt ta' moviment liberu ta' persuni jkun jista' jiġi eżerċitat b'mod effettiv, ma jistax jintlaħaq kif suppost mill-Istati Membri u jista' għaldaqstant, minħabba l-livell u l-effetti ta' dik l-azzjoni, jintlaħaq aħjar fuq livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan il-Regolament ma jaqbiżx dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv."

8. L-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament, intitolat "Persuni koperti", jipprovdi:

"1. Dan ir-Regolament għandhu japplika għal ċittadini ta' Stat Membru, persuni mingħajr Stat u refuġjati li għandhom ir-residenza tagħhom fi Stat Membru li huma jew li kienu suġġetti għal-leġislazzjoni ta' Stat Membru jew ta' aktar minn Stat Membru wieħed, kif ukoll għall-membri tal-familji tagħhom u għas-superstiti tagħhom.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika wkoll għas-superstiti ta' persuni li kienu suġġetti għal-leġislazzjoni ta' Stat Membru wieħed jew ta' aktar minn Stat Membru wieħed, irrispettivament min-nazzjonalità ta' dawn il-persuni, fejn is-superstiti tagħhom huma ċittadini ta' Stat Membru jew persuni mingħajr Stat jew refuġjati li għandhom ir-residenza tagħhom f'wieħed mill-Istati Membri."

9. L-Artikolu 3 tal-imsemmi regolament, intitolat "Oqsma koperti", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Dan ir-Regolament għandu japplika għal-leġislazzjoni kollha li tikkonċerna l-fergħat li ġejjin tas-sigurtà soċjali:

[…]

(d) benefiċċji marbuta ma' l-età;

(e) benefiċċji għas-superstiti;

[…]"

10. Il-Kapitolu 5 tat-Titolu III tal-istess regolament, intitolat "Pensjonijiet ta' l-età u tas-superstiti", jinkludi b'mod partikolari l-Artikoli 52 sa 55 tiegħu.

11. L-Artikolu 52 tar-Regolament Nru 883/2004, intitolat "Għoti ta' benefiċċji", jipprovdi, fil-paragrafi 1 sa 3 tiegħu:

"1. L-istituzzjoni kompetenti għandha tikkalkula l-ammont tal-benefiċċju li jkollu jingħata:

(a) taħt il-leġislazzjoni applikata minnha, meta l-kondizzjonijiet għall-intitolar għal benefiċċji kienu sodisfatti b'mod esklużiv taħt liġi nazzjonali biss (benefiċċju indipendenti);

(b) billi tasal għal ammont teoretiku u mbagħad għal ammont attwali (benefiċċju *pro rata*), kif ġej:

(i) l-ammont teoretiku tal-benefiċċju huwa daqs il-benefiċċju li l-persuna konċernata tista' titlob jekk il-perjodi kollha ta' assigurazzjoni jew/u ta' residenza li kienu magħmula taħt il-leġislazzjonijiet ta' l-Istati Membri l-oħra kienu magħmula taħt il-leġislazzjoni applikata minnha fil-jum ta' l-għoti tal-benefiċċju. Jekk, taħt din il-leġislazzjoni, l-ammont ma jiddependix mit-tul tal-perjodi magħmula, dak l-ammont għandu jitqies bħala l-ammont teoretiku;

(ii) l-istituzzjoni kompetenti għandha imbagħad tistabbilixxi l-ammont attwali tal-benefiċċju pro rata billi tapplika għall-ammont teoretiku il-proporzjoni bejn it-tul tal-perjodi magħmula qabel immaterjalizza ruħu r-riskju taħt il-leġislazzjoni applikata minnha u t-tul totali tal-perjodi magħmula qabel il-materjalizzazzjoni tar-riskju taħt il-leġislazzjonijiet ta' l-Istati Membri kollha konċernati.

2. Fejn ikun xieraq, l-istituzzjoni kompetenti għandha tapplika, għall-ammont ikkalkulat skond is-subparagrafi 1(a) u (b), ir-regoli kollha dwar ir-riduzzjoni, is-sospensjoni jew it-twaqqif, taħt il-leġislazzjoni applikata minnha, u dan fil-limiti stabbiliti fl-Artikoli 53 sa 55.

3. Il-persuna konċernata għandha tkun intitolata li tirċievi mingħand l-istituzzjoni kompetenti ta' kull Stat Membru l-ikbar minn fost l-ammont ikkalkolati skond is-subparagrafi 1(a) u (b)."

12. L-Artikolu 53 ta' dan ir-regolament, intitolat "Regoli sabiex ikun evitat *overlapping*", huwa fformulat kif ġej, fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1. Każijiet fejn ikun hemm *overlapping* ta' benefiċċji marbuta ma' l-invalidità, ma' l-età u benefiċċji tas-superstiti, liema benefiċċji jkunu ikkalkulati jew mogħtija fuq il-bażi ta' perjodi ta' assigurazzjoni u/jew residenza magħmula mill-istess persuna għandhom jitqiesu bħala sitwazzjonijiet fejn ikun hemm *overlapping* ta' benefiċċji ta' l-istess tip.

2. Każijiet fejn ikun hemm *overlapping* ta' benefiċċji ma jistgħux jitqiesu bħala benefiċċji ta' l-istess tip fis-sens tal-paragrafu 1 għandhom jitqiesu bħala każijiet ta' *overlapping* ta' benefiċċji ta' tip differenti."

13. Skont l-Artikolu 54 tal-imsemmi regolament, intitolat "*Overlapping* ta' benefiċċji ta' l-istess tip":

"1. Fejn ikun hemm *overlapping* bejn benefiċċji ta' l-istess tip li għandhom jingħataw taħt il-leġislazzjoni ta' żewġ Stati Membri jew aktar, ir-regoli dwar il-prevenzjoni ta' *overlapping* stabbiliti fil-leġislazzjoni ta' Stat membru ma għandhomx ikunu applikati għal benefiċċju *pro rata*.

2. Ir-regoli dwar il-prevenzjoni ta' *overlapping* għandhom japplikaw biss għal benefiċċju indipendenti jekk il-benefiċċju konċernat ikun:

(a) benefiċċju li l-ammont tiegħu ma jiddependix fuq it-tul tal-perjodi ta' assigurazzjoni jew residenza,

jew

(b) benefiċċju li l-ammont tiegħu jkun determinat fuq il-bażi ta' perjodu ikkreditat meqjus bħala magħmul bejn id-data li fiha immaterjalizza ruħu r-riskju u data wara dan l-avveniment, b'overlap ma':

(i) benefiċċju ta' l-istess tip, minbarra fejn isir ftehim bejn żewġ Stati Membri jew aktar sabiex ikun evitat li l-istess perjodu ikkreditat ikun ikkunsidrat aktar minn darba, jew

(ii) benefiċċju msemmi fis-subparagrafu (a).

Il-benefiċċji u l-ftehim imsemmija fis-subparagrafi (a) u (b) huma elenkati fl-Anness IX."

14. L-Artikolu 55 tal-istess regolament, intitolat "*Overlapping* ta' benefiċċji ta' tip differenti", jipprovdi, fil-paragrafu 1(a) tiegħu:

"Jekk ir-riċeviment ta' benefiċċji ta' tip differenti jew ta' dħul ieħor jitlob l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-prevenzjoni ta' *overlapping* stabbiliti fil-leġislazzjoni ta' l-Istati Membri konċernati dwar:

(a) żewġ benefiċċji indipendenti jew aktar, l-istituzzjonijiet kompetenti għandhom jaqsmu l-ammonti tal-benefiċċju jew benefiċċji u dħul ieħor, skond kif kienu ikkunsidrati, bin-numru ta' benefiċċji suġġetti għar-regoli msemmija;

madanakollu, l-applikazzjoni ta' dan is-subparagrafu ma jistax iċaħħad lill-persuna konċernata mill-istatus tagħha bħala persuna pensjonanta għall-għanijiet tal-kapitoli l-oħra ta' dan it-Titolu taħt il-kondizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni."

B. Id-dritt Belġjan

15. Skont l-ewwel u r-raba' paragrafu tal-Artikolu 20 tal-arrêté royal nº 50 du 24 octobre 1967 relatif à la pension de retraite et de survie des travailleurs salariés (id-Digriet Irjali Nru 50 tal-24 ta' Ottubru 1967 dwar il-Pensjoni tal-Irtirar u tas-Superstiti ta' Ħaddiema Impjegati)[6], fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem id-"Digriet Irjali Nru 50"):

"Il-pensjoni tas-superstiti tista' tiġi akkumulata ma' pensjoni tal-irtirar jew ma' kwalunkwe benefiċċju ieħor li jissostitwixxi l-pensjoni tal-irtirar biss sal-ammont stabbilit mir-Re.

[…]

Ir-Re għandu jiddetermina sa liema punt il-pensjoni tas-superstiti tista' titnaqqas meta l-konjuġi superstiti jibbenefika minn pensjoni tas-superstiti jew minn kwalunkwe benefiċċju ieħor minflokha mogħti abbażi ta' skema ta' pensjoni tal-irtirar u tas-superstiti ta' pajjiż barrani jew taħt skema applikabbli għall-persunal ta' istituzzjoni rregolata mid-dritt internazzjonali pubbliku."

16. L-Artikolu 52(1) tal-arrêté royal du 21 décembre 1967 portant règlement général du régime de pension de retraite et de survie des travailleurs salariés (id-Digriet Irjali tal-21 ta' Diċembru 1967 li Jistabbilixxi Regoli Ġenerali dwar l-Iskema tal-Pensjoni tal-Irtirar u tas-Superstiti tal-Impjegati)[7], fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem id-"Digriet Irjali tal-21 ta' Diċembru 1967"), jipprovdi:

"Meta l-konjuġi superstiti huwa intitolat, minn naħa għall-pensjoni tas-superstiti skont l-iskema tal-pensjoni tal-impjegati u, min-naħa l-oħra, għal pensjoni tal-irtirar waħda jew iktar jew għal kull benefiċċju ieħor minflokha skont l-iskema tal-pensjoni tal-impjegati jew skont skema tal-pensjoni waħda jew iktar, il-pensjoni tas-superstiti tista' tiġi akkumulata mal-imsemmija pensjonijiet tal-irtirar biss sas-somma ta' 110 % tal-ammont tal-pensjoni tas-superstiti li kienet tingħata lill-konjuġi superstiti għal karriera sħiħa.

[…]

Meta l-konjuġi msemmi fil-paragrafu 1 jista' jitlob wkoll pensjoni tas-superstiti waħda jew iktar jew benefiċċji minflokha fis-sens tal-Artikolu 10bis tad-[Digriet Irjali Nru 50], il-pensjoni tas-superstiti ma tistax tkun ogħla mid-differenza bejn, minn naħa, 110 % tal-ammont tal-pensjoni tas-superstiti għal karriera sħiħa, u, min-naħa l-oħra, is-somma tal-ammonti tal-pensjonijiet tal-irtirar jew tal-benefiċċji minflokha msemmija fil-paragrafu 1, u ta' ammont ugwali għall-pensjoni tas-superstiti ta' ħaddiem impjegat għal karriera sħiħa, immultiplikata bil-parti jew bis-somma tal-porzjonijiet li jesprimu l-valur tal-pensjonijiet tas-superstiti fl-iskemi l-oħra tal-pensjoni bl-esklużjoni tal-iskema ta' ħaddiema li jaħdmu għal rashom. Dawn il-frazzjonijiet huma dawk li ġew jew li kellhom jiġu adottati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 10a ċċitat iktar 'il fuq.

[6] *Moniteur belge* tas-27 ta' Ottubru 1976, p. 11246.

[7] *Moniteur belge* tas-16 ta' Jannar 1968, p. 441.

[…]”

17. L-Artikolu 52bis tad-Digriet Irjali tal-21 ta’ Diċembru 1967 jipprovdi:

“Għall-applikazzjoni tal-paragrafi 3 u 4 tal-Artikolu 20 tad-Digriet Irjali Nru 50 l-ammont tal-pensjoni tas-superstiti tal-konjuġi superstiti, mogħti skont id-Digriet Irjali Nru 50 jew il-Liġi tal-20 ta’ Lulju 1990 (jew id-Digriet Irjali tat-23 ta’ Diċembru 1996), għandu jitnaqqas bl-ammont tal-pensjoni tas-superstiti jew bil-benefiċċju minflokha, mogħti skont skema ta’ pajjiż barrani jew skont skema applikabbli għall-persunal ta’ istituzzjoni rregolata mid-dritt internazzjonali pubbliku, li ma tistax tiġi rrinunzjata.”

18. L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(1) tal-arrêté royal du 23 décembre 1996 portant exécution des articles 15, 16 et 17 de la loi du 26 juillet 1996 portant modernisation de la sécurité sociale et assurant la viabilité des régimes légaux des pensions (id-Digriet Irjali tat-23 ta’ Diċembru 1996 li Jimplimenta l-Artikoli 15, 16 u 17 tal-Liġi tas-26 ta’ Lulju 1996 dwar il-Modernizzazzjoni tas-Sigurtà Soċjali u li Jiżgura l-Vijabbiltà tal-Iskemi Statutorji tal-Pensjonijiet)[8], fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawża prinċipali, jipprovdi:

“Meta l-konjuġi jkun miet qabel il-bidu tal-pensjoni tal-irtirar tiegħu, il-pensjoni tas-superstiti tkun ugwali għal 80 % tal-ammont tal-pensjoni tal-irtirar, ikkalkolata bir-rata prevista fis-subparagrafu 1(a) tal-Artikolu 5(1) ta’ dan id-digriet li kienet tingħata lill-konjuġi skont dan id-digriet.”

III. Il-kawża prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

19. Il-konjuġi ta’ HK mietet fid-29 ta’ Novembru 2016.

20. Fl-1 ta’ Diċembru 2016, HK kien jibbenefika, personalment, minn pensjoni tal-irtirar Belġjana ta’ ammont annwali ta’ EUR 11 962.55 u minn pensjoni tal-irtirar Spanjola ta’ ammont annwali ta’ EUR 8 276.28. Peress li l-konjuġi ta’ HK ħadmet u kkontribwixxiet f’diversi Stati Membri, jiġifieri fil-Belġju, fi Spanja u fil-Finlandja, HK kien jirċievi wkoll, wara l-mewt tagħha, pensjoni tas-superstiti Spanjola ta’ ammont annwali ta’ EUR 5 123.88 u pensjoni tas-superstiti Finlandiża ta’ ammont annwali ta’ EUR 1 281.24.

21. Fir-rigward tal-Belġju, is-SFP informa lil HK, permezz ta’ ittra tat-3 ta’ Jannar 2017, li huwa kien qiegħed jeżamina d-dritt eventwali tiegħu għal pensjoni tas-superstiti Belġjana. Fit-22 ta’ Diċembru 2017, is-SFP indika lil HK li ma kellux dritt għal tali pensjoni tas-superstiti minħabba li l-ammont tal-pensjonijiet tal-irtirar tiegħu kien għoli wisq. Fis-26 ta’ Diċembru 2017, HK ressaq ilment quddiem is-SFP kontra din id-deċiżjoni ta’ rifjut. Sussegwentement, HK u s-SFP skambjaw ittri dwar il-modalitajiet ta’ teħid inkunsiderazzjoni tad-diversi benefiċċji tal-pensjoni li minnhom kien jibbenefika HK sabiex jiddetermina jekk u sa fejn huwa kellu dritt għal pensjoni tas-superstiti Belġjana.

22. Permezz ta’ deċiżjoni tat-18 ta’ Settembru 2019, is-SFP informa lil HK li, wara li eżamina mill-ġdid is-sitwazzjoni tiegħu, huwa kellu dritt għal pensjoni tas-superstiti Belġjana ta’ ammont annwali gross ta’ EUR 1 929.03 mill-1 ta’ Diċembru 2016. Is-SFP indika li d-drittijiet ta’ HK għal pensjoni tas-superstiti Belġjana kienu ġew eżaminati *ex officio* minħabba li r-Repubblika

[8] *Moniteur belge* tas-17 ta’ Jannar 1997, p. 904.

tal-Finlandja kienet tapplika regoli nazzjonali antikumulu. Is-SFP żied li, meta ġie ffissat dan l-ammont gross, ittieħed inkunsiderazzjoni l-limitu massimu ta' kumulu peress li HK kien jibbenefika wkoll minn pensjoni tal-irtirar Belġjana.

23. Fl-14 ta' April 2020, HK ippreżenta rikors quddiem it-tribunal du travail francophone de Bruxelles (it-Tribunal Industrijali ta' Brussell bil-lingwa Franċiża), il-qorti tar-rinviju, kontra d-deċiżjoni tas-SFP tat-18 ta' Settembru 2019, fejn sostna li, skont l-Artikolu 55 tar-Regolament Nru 883/2004, huwa kellu dritt għal pensjoni tas-superstiti Belġjana ta' ammont gross annwali ta' EUR 6 339.01.

24. Il-qorti tar-rinviju tirrileva li l-leġiżlazzjoni Belġjana tawtorizza, filwaqt li tillimitah, il-kumulu ta' pensjoni tal-irtirar u ta' pensjoni tas-superstiti, abbażi tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 20 tad-Digriet Irjali Nru 50, implimentat mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 52(1) tad-Digriet Irjali tal-21 ta' Diċembru 1967. Barra minn hekk, mir-raba' paragrafu tal-Artikolu 20 tad-Digriet Irjali Nru 50, moqri flimkien mal-Artikolu 52bis tad-Digriet Irjali tal-21 ta' Diċembru 1967, jirriżulta li kumulu bejn pensjoni tas-superstiti ta' ħaddiem impjegat Belġjan u pensjoni waħda jew iktar tas-superstiti mogħtija skont leġiżlazzjoni barranija ma huwiex awtorizzat. Fil-fatt, skont dan l-Artikolu 52bis, l-ammont tal-pensjoni tas-superstiti ta' ħaddiem Belġjan għandu jitnaqqas bl-ammont ta' waħda jew iktar mill-pensjonijiet tas-superstiti mogħtija taħt skema barranija.

25. Madankollu, skont l-Artikolu 54 tar-Regolament Nru 883/2004, fil-każ ta' kumulu ta' benefiċċji tal-istess natura ta' diversi Stati Membri, il-klawżoli antikumulu previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali jistgħu japplikaw biss għal ċerti benefiċċji, li huma elenkati fl-Anness IX ta' dan ir-regolament. Issa, il-pensjoni tas-superstiti ta' ħaddiem impjegat ma tidhirx fil-lista ta' benefiċċji msemmija f'dan l-anness mir-Renju tal-Belġju. Għaldaqstant, l-Artikolu 52bis tad-Digriet Irjali tal-21 ta' Diċembru 1967 ma huwiex applikabbli fil-kawża prinċipali. Abbażi tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 52(1) ta' dan id-Digriet Irjali, is-SFP għalhekk ħa inkunsiderazzjoni l-pensjonijiet tal-irtirar Belġjani u Spanjoli li HK jibbenefika minnhom personalment.

26. Skont il-qorti tar-rinviju, f'dan il-każ, il-kumulu ta' pensjoni tas-superstiti ta' ħaddiem impjegat u ta' pensjonijiet tal-irtirar, jiġifieri l-Belġju u l-pensjonijiet barranin, għandu jitqies li huwa kumulu ta' benefiċċji ta' natura differenti, fis-sens tal-Artikolu 55 tar-Regolament Nru 883/2004, peress li benefiċċji kkalkolati abbażi tal-karrieri professjonali ta' żewġ persuni differenti ma jistgħux jitqiesu li huma benefiċċji tal-istess natura.

27. Din il-qorti żżid li l-Artikolu 52 tar-Regolament Nru 883/2004 l-"benefiċċju indipendenti" mill-"benefiċċju *pro rata*" u li l-persuna kkonċernata għandha dritt, min-naħa tal-istituzzjoni kompetenti ta' kull Stat Membru kkonċernat, għall-ogħla ammonti kkalkolati konformement mal-paragrafu 1(a) u (b) ta' dan l-artikolu. F'dan il-każ, is-SFP ikkalkola li, kemm għall-pensjoni tal-irtirar kif ukoll għall-pensjoni tas-superstiti Belġjani, il-benefiċċju indipendenti kien iktar vantaġġuż għal HK minn dak *pro rata*. L-imsemmija qorti tindika li, skont l-eżami tagħha, HK ma għandux dritt għal pensjoni tas-superstiti fil-kuntest tal-kalkolu tal-benefiċċju *pro rata*, fis-sens tal-Artikolu 52(1)(b) ta' dan ir-regolament.

28. Skont l-istess qorti, fir-rigward tal-kalkolu tal-benefiċċju indipendenti, HK għandu dritt għal pensjoni tas-superstiti biss permezz tal-applikazzjoni tal-Artikolu 55(1)(a) tar-Regolament Nru 883/2004. Fil-fatt, ħaddiem ieħor li għandu pensjoni tal-irtirar Belġjana għal ħaddiem

impjegat ta' ammont ekwivalenti għal dak irċevut minn HK, jiġifieri ammont ta' EUR 20 238.83, ma kien jirċievi ebda pensjoni tas-superstiti fil-Belġju. HK jinsab għalhekk f'sitwazzjoni iktar vantaġġuża minħabba l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

29. Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, fir-rigward tal-pensjoni tas-superstiti Belġjana inkwistjoni, HK u s-SFP jaslu għall-istess riżultat fir-rigward tal-elementi li ġejjin:

– il-pensjoni tas-superstiti ta' HK tammonta għal EUR 7 638.46, jiġifieri 80 % tal-pensjoni tal-irtirar għal ħaddiem impjegat tal-konjuġi ta' HK, ikkalkolata abbażi ta' rata ta' familja;

– il-limitu massimu ta' kumulu ta' din il-pensjoni huwa ta' EUR 16 458.42, jiġifieri 110 % ta' EUR 14 962.20[9], skont l-Artikolu 52(1)(a) tar-Regolament Nru 883/2004, dwar il-benefiċċju indipendenti;

– it-total tal-pensjonijiet tal-irtirar li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-applikazzjoni tal-Artikolu 52 tad-Digriet Irjali tal-21 ta' Diċembru 1967, jiġifieri l-pensjonijiet annwali tal-irtirar Belġjan (EUR 11 962.55) u Spanjol (EUR 8 276.28), jammonta għal EUR 20 238.83.

30. Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta wkoll li l-interpretazzjonijiet ta' HK u tas-SFP huma diverġenti fir-rigward tal-kalkolu tal-qbiż tal-limitu massimu ta' kumulu. Skont is-SFP, sabiex jiġi ddeterminat dan il-qbiż, l-ammont tal-pensjoni tas-superstiti (EUR 7 638.46) għandu jiżdied mat-total tal-pensjonijiet tal-irtirar (EUR 20 238.83) u mbagħad jitnaqqas il-limitu massimu ta' kumulu (EUR 16 458.42), li jwassal għas-somma ta' EUR 11 418.87. Il-pensjoni tas-superstiti mnaqqsa tiġi kkalkolata kif ġej: l-ammont tal-pensjoni tas-superstiti (EUR 7 638.46) imnaqqas bl-ammont li bih inqabeż l-limitu massimu ta' kumulu (EUR 11 418.87), li huwa diviż bi tnejn (numru ta' pensjonijiet tas-superstiti affettwati mir-regoli antikumulu, jiġifieri l-pensjonijiet tas-superstiti Belġjana u dik Finlandiża, peress li l-pensjoni tas-superstiti Spanjola ma titnaqqasx), jiġifieri EUR 5 709.43, bir-riżultat li din il-pensjoni tas-superstiti titla' kull sena għal EUR 7 638.46 imnaqqas b'EUR 5 709.43, jiġifieri EUR 1 929.03.

31. HK jagħmel kalkolu differenti skont liema, għall-kalkolu tal-qbiż tal-limitu massimu ta' kumulu, l-ammont tal-pensjoni tas-superstiti (EUR 7 638.46) għandu jiżdied mat-total tal-pensjonijiet tal-irtirar (EUR 20 238.83), li huwa diviż bi tnejn, jiġifieri EUR 10 119.41, u li minnu jitnaqqas il-limitu massimu ta' kumulu (EUR 16 458.42), li jikkorrispondi għas-somma ta' EUR 1 299.45. Il-pensjoni tas-superstiti mnaqqsa għalhekk tkun ta' EUR 7 638.46 imnaqqas b'EUR 1 299.45, jiġifieri ammont annwali ta' EUR 6 399.01.

32. Il-qorti tar-rinviju tirrileva li, skont is-SFP, l-istituzzjonijiet kompetenti Finlandiżi wettqu l-istess kalkolu bħalu fir-rigward tal-pensjoni tas-superstiti Finlandiża li ġiet innotifikata lil HK fl-10 ta' Novembru 2017. Din il-qorti tindika li HK, min-naħa tiegħu, jirreferi għall-indikazzjonijiet li jinsabu fis-sit internet tal-Caisse nationale d'assurance vieillesse (il-Fond Nazzjonali ta' Assigurazzjoni għax-Xjuħija (Franza)), organu Franċiż tas-sigurtà soċjali li jamministra l-irtirar bażiku tal-impjegati tas-settur privat, tal-ħaddiema li jaħdmu għal rashom,

[9] Il-qorti tar-rinviju tindika li dan l-ammont, li jikkonċerna l-pensjoni tas-superstiti sħiħa alternattiva, jinkiseb billi tiġi mmultiplikata s-somma ta' EUR 7 481.10 (somma tal-ammonti ta' pensjoni għas-snin ta' impjieg abitwali u prinċipali) b'44/22 (frazzjoni ta' karriera inversa tas-snin ta' impjieg abitwali u prinċipali biss).

tal-membri tal-persunal bil-kuntratt rregolati mid-dritt pubbliku u tal-artisti-awturi, u, b'mod partikolari, għaċ-Ċirkulari Nru 2010/54 tal-21 ta' Mejju 2010 (nota teknika Nru 3: Pensjoni tar-riverżjoni) [10].

33. Il-qorti tar-rinviju żżid li r-regola prevista fl-Artikolu 55(1)(a) tar-Regolament Nru 883/2004 ma kinitx tidher, bħala tali, fl-Artikolu 46ċ tar-Regolament Nru 1408/71, li tirriżulta mir-Regolament Nru 1248/92, u li dan l-Artikolu 55(1)(a) jidher li wettaq emenda billi ma baqax jirreferi għall-"ammonti li ma jkunux imħallsa b'applikazzjoni stretta tad-dispożizzjonijiet rigward ir-riduzzjoni, is-sospensjoni u t-tneħħija pprovdut għalihom bil-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru kkonċernat".

34. F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tribunal du travail francophone de Bruxelles (it-Tribunal Industrijali ta' Brussell bil-lingwa Franċiża) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Ir-regola prevista fl-Artikolu 55(1)(a) tar-Regolament (KE) [Nru 883/2004] skont liema l-istituzzjonijiet kompetenti għandhom jiddividu l-ammonti tal-benefiċċju jew benefiċċji u dħul ieħor, skont kif kienu ikkunsidrati, bin-numru ta' benefiċċji suġġetti għar-regoli [antikumulu], għandha tiġi interpretata fis-sens li timponi d-diviżjoni tad-dħul inkwantu tali meħud inkunsiderazzjoni għall-applikazzjoni tar-regola ta' nuqqas ta' kumulu bin-numru ta' pensjonijiet tas-superstiti affettwati mir-regoli antikumulu?

2) Ir-regola prevista fl-Artikolu 55(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 skont liema l-istituzzjonijiet kompetenti għandhom jiddividu l-ammonti tal-benefiċċju jew benefiċċji u dħul ieħor, skont kif kienu ikkunsidrati, bin-numru ta' benefiċċji suġġetti għar-regoli [antikumulu], għandha għall-kuntrarju tiġi interpretata fis-sens li timponi d-diviżjoni, mhux tad-dħul inkwantu tali meħud inkunsiderazzjoni għall-applikazzjoni tar-regola ta' nuqqas ta' kumulu, iżda pjuttost tal-parti tad-dħul li jaqbeż limitu [massimu] ta' kumulu, bħalma huwa previst pereżempju bir-regola nazzjonali inkwistjoni, bin-numru ta' pensjonijiet tas-superstiti affettwati mir-regoli antikumulu?"

35. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub lill-Qorti tal-Ġustizzja minn HK, mill-Gvern Belġjan u minn dak Finlandiż, kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea.

IV. Analiżi

36. Permezz tad-domandi preliminari tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 55(1)(a) tar-Regolament Nru 883/2004 għandux jiġi interpretat fis-sens li, jekk l-għoti ta' benefiċċji ta' natura differenti jimplika l-applikazzjoni ta' regoli nazzjonali antikumulu fir-rigward ta' benefiċċji awtonomi, huwa jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li l-istituzzjonijiet kompetenti, sabiex jikkalkolaw l-ammont ta' pensjoni tas-superstiti, jiddividu l-ammont tad-dħul li jaqbeż limitu massimu ta' kumulu tal-pensjonijiet differenti kkunsidrati bin-numru ta' pensjonijiet tas-superstiti suġġetti għal dawn ir-regoli.

37. F'dan il-każ, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li HK jirċievi pensjoni tal-irtirar Belġjana u Spanjola kif ukoll, wara l-mewt tal-konjuġi tiegħu, pensjoni tas-superstiti Spanjola u Finlandiża.

[10] Dan id-dokument jista' jiġi kkonsultat (bil-lingwa Franċiża) fl-indirizz li ġej: https://www.legislation.cnav.fr/Pages/texte.aspx?Nom=circulaire_cnav_2010_54_21052010_note3.

38. Fir-rigward tal-għoti ta' pensjoni tas-superstiti Belġjana, il-qorti tar-rinviju tindika li r-Renju tal-Belġju stabbilixxa regoli antikumulu. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-klawżoli antikumulu previsti mil-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru jistgħu, sakemm ma huwiex ipprovdut mod ieħor, jiġu invokati kontra persuni li jibbenefikaw minn benefiċċju mingħand dan l-Istat Membru meta dawn jistgħu jibbenefikaw minn benefiċċji tas-sigurtà soċjali oħra, u dan minkejja li dawn il-benefiċċji jinkisbu abbażi tal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor [11]. Għalhekk, skont l-Artikoli 52(2) tar-Regolament Nru 883/2004, l-istituzzjoni kompetenti għandha tapplika, fejn xieraq, il-klawżoli kollha ta' tnaqqis, ta' sospensjoni jew ta' tneħħija stabbiliti fil-leġislazzjoni li hija tapplika, fil-limiti stabbiliti fl-Artikoli 53 sa 55 ta' dan ir-regolament.

39. Kif tirrileva l-qorti tar-rinviju, il-leġiżlazzjoni Belġjana ma tawtorizzax il-kumulu ta' pensjoni tas-superstiti għal ħaddiem impjegat Belġjan ma' pensjoni tas-superstiti waħda jew iktar mogħtija taħt leġiżlazzjoni barranija [12]. Madankollu, skont din il-qorti, skont l-Artikolu 54 tar-Regolament Nru 883/2004, li jirrigwarda l-kumulu ta' benefiċċji tal-istess natura, dan ir-regolament antikumulu ma huwiex applikabbli f'dan il-każ [13]. F'dawn iċ-ċirkustanzi, din il-kawża tirrigwarda l-modalitajiet ta' kalkolu tal-ammont tal-pensjoni tas-superstiti Belġjana li minnha jibbenefika HK.

40. F'dan ir-rigward, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikoli 53 sa 55 tar-Regolament Nru 883/2004, HK u s-SFP iwettqu l-istess analiżi fir-rigward tal-ammont tal-pensjoni tas-superstiti Belġjana ta' HK, tal-limitu massimu ta' kumulu ta' din il-pensjoni u tat-total tal-pensjonijiet tal-irtirar li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni [14]. Min-naħa l-oħra, l-interpretazzjonijiet ta' HK u tas-SFP ivarjaw fir-rigward tal-istadju li jmiss tal-kalkolu tal-ammont tal-pensjoni tas-superstiti Belġjana suġġett għar-regoli nazzjonali antikumulu. Skont is-SFP, għandu jiġi diviż bi tnejn (jiġifieri n-numru tal-pensjonijiet tas-superstiti kkonċernati) l-ammont tad-dħul li jaqbeż limitu massimu ta' kumulu tal-pensjonijiet differenti kkunsidrati filwaqt li HK issostni li hemm lok li jiġi diviż bi tnejn it-total tal-pensjonijiet tal-irtirar imsemmija, li jwassal għal pensjoni tas-superstiti Belġjana ta' ammont ogħla [15]. Kif josservaw HK u l-Kummissjoni, l-interpretazzjoni ssuġġerita minn din tal-aħħar hija iktar favorevoli mhux biss fil-każ personali tiegħu iżda wkoll, b'mod ġenerali, għall-ħaddiema kollha li eżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu.

41. Din il-kawża tqajjem għalhekk il-kwistjoni tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 55(1)(a) tar-Regolament Nru 883/2004. Skont din id-dispożizzjoni, li l-Qorti tal-Ġustizzja għadha qatt ma eżaminat [16], "jekk ir-riċeviment ta' benefiċċji ta' tip differenti jew ta' dħul ieħor jitlob l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-prevenzjoni ta' *overlapping* stabbiliti fil-leġislazzjoni ta' l-Istati Membri konċernati dwar żewġ benefiċċji awtonomi jew aktar, l-istituzzjonijiet kompetenti

[11] Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-15 ta' Marzu 2018, Blanco Marqués (C-431/16, EU:C:2018:189, punt 63 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[12] Ara l-punt 25 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[13] Ara l-punt 26 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[14] Ara l-punt 29 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[15] Ara l-punti 30 u 31 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[16] Fil-kawża li tat lok għas-sentenza tal-15 ta' Marzu 2018, Blanco Marqués (C-431/16, EU:C:2018:189), il-qorti tar-rinviju għamlet riferiment, fl-ewwel u fis-sitt domanda preliminari tagħha, għall-Artikolu 55 tar-Regolament Nru 883/2004. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ma ddeċidietx fuq il-mertu fir-rigward ta' dan l-artikolu.

għandhom jaqsmu l-ammonti tal-benefiċċju jew benefiċċji u dħul ieħor, skond kif kienu ikkunsidrati, bin-numru ta' benefiċċji suġġetti għar-regoli msemmija". Għalhekk, din id-dispożizzjoni tipprovdi għall-illaxkar tar-regoli nazzjonali antikumulu [17].

42. F'dan il-każ, il-pensjoni tas-superstiti Belġjana ta' HK hija suġġetta għall-applikazzjoni ta' regoli nazzjonali antikumulu, jiġifieri l-Artikolu 52 tad-Digriet Irjali tal-21 ta' Diċembru 1967.

43. Barra minn hekk, ma huwiex ikkontestat li l-pensjonijiet tal-irtirar ta' HK, minn naħa, u l-pensjoni tas-superstiti Belġjana tiegħu, min-naħa l-oħra, għandhom jiġu kklassifikati bħala "benefiċċji ta' natura differenti", fis-sens tal-Artikolu 55 tar-Regolament Nru 883/2004. Fil-fatt, skont l-Artikolu 53(1) ta' dan ir-regolament, kumulu ta' "benefiċċji tal-istess tip" tfisser il-kumulu ta' benefiċċji għall-invaliditàa, tax-xjuħija u tas-superstiti kkalkolati jew ipprovduti fuq il-bażi ta' perijodi ta' assigurazzjoni u/jew residenza mwettqa "mill-istess persuna". Għalhekk, benefiċċji kkalkulati jew imħallsa fuq il-bażi tal-karrieri ta' żewġ persuni differenti, jiġifieri hawnhekk HK u l-konjuġi tiegħu, ma jistgħux jitqiesu bħala "benefiċċji tal-istess tip" [18]. Madankollu, skont l-Artikolu 53(2), il-kumulu ta' benefiċċji li ma humiex "ta' l-istess tip" jitqies bħala kumulu ta' "benefiċċji ta' tip differenti".

44. Barra minn hekk, il-kawża prinċipali tirrigwarda "benefiċċji awtonomi", fis-sens tal-Artikolu 55 tar-Regolament Nru 883/2004, sa fejn, skont l-Artikolu 52 ta' dan ir-regolament, is-SFP qies li, kemm għall-pensjoni tal-irtirar kif ukoll għall-pensjoni tas-superstiti Belġjani ta' HK, il-"benefiċċju indipendenti" (imsejjaħ ukoll "benefiċċju awtonomu") kien iktar vantaġġuż għalih mill-benefiċċju *pro rata* [19]. Barra minn hekk, l-Artikolu 52 tad-Digriet Irjali tal-21 ta' Diċembru 1967 jipprevedi l-applikazzjoni ta' regoli antikumulu fir-rigward ta' żewġ benefiċċji awtonomi jew iktar.

45. Għaldaqstant, din il-kawża tikkonċerna, b'mod iktar preċiż, is-sens li għandu jingħata lit-termini "l-ammonti tal-benefiċċju jew benefiċċji u dħul ieħor, skond kif kienu ikkunsidrati" [20], fis-sens tal-Artikolu 55(1)(a) tar-Regolament Nru 883/2004. Dawn it-termini huma ekwivalenti f'verżjonijiet lingwistiċi differenti ta' din id-dispożizzjoni, b'mod partikolari fil-lingwa Spanjola ("las cuantías de la prestación o prestaciones u otros ingresos, *tal y como hayan sido computados*"), Ġermaniża ("die Beträge der Leistung oder Leistungen oder sonstigen Einkünfte, *die berücksichtigt worden sind*"), Griega ("την ή τις παροχές ή τα άλλα εισοδήματα, *όπως αυτές έχουν ληφθεί υπόψη*"), Ingliża ("the amounts of the benefit or benefits or other income, *as they have been taken into account*"), Taljana ("gli importi della o delle prestazioni o di altri redditi, *di cui si è tenuto conto*"), Pollakka ("kwoty świadczenia lub świadczeń lub innych dochodów, *które zostały uwzględnione*"), u Svediża ("förmånen eller förmånerna eller den andra inkomsten *så som de har beaktatset*") (korsiv miżjud minni).

[17] Kif irrileva awtur imsemmi mill-qorti tar-rinviju, "din id-dispożizzjoni għandha l-għan li tirrimedja l-konsegwenzi negattivi għall-benefiċjarju ta' applikazzjoni konġunta tar-regoli antikumulu previsti mil-leġiżlazzjoni ta' żewġ Stati Membri jew iktar. Għalhekk, jekk diversi benefiċċji awtonomi għandhom jitnaqqsu simultanjament bl-applikazzjoni ta' tali regoli, l-ammont li fuqu huwa bbażat it-tnaqqis, is-sospensjoni jew it-tneħħija għandu jiġi diviż bin-numru ta' benefiċċji suġġetti għal tnaqqis, sospensjoni jew tneħħija". Ara F. Robert, "Le régime juridique des pensions de retraite après une carrière dans plusieurs États membres", *Journal de droit européen*, Nru 223, 2015, p. 354 sa 360, b'mod partikolari p. 359.

[18] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Marzu 2013, van den Booren (C-127/11, EU:C:2013:140, punti 32 u 33).

[19] Ara l-punt 28 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[20] Korsiv miżjud minni.

46. Skont ġurisprudenza stabbilita, l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni teħtieġ li jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem tagħha, iżda wkoll il-kuntest li fih hija taqa' kif ukoll l-għanijiet u l-għan tal-att li minnu hija tagħmel parti. L-oriġini ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni tista' wkoll tipprovdi elementi rilevanti għall-interpretazzjoni tagħha [21].

47. Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-formulazzjoni tal-Artikolu 55(1)(a) tar-Regolament Nru 883/2004, din id-dispożizzjoni tirreferi għall-applikazzjoni tar-regoli antikumulu previsti mill-"liġijiet tal-Istati Membri kkonċernati" u għall-"istituzzjonijiet kompetenti". Għalhekk, l-imsemmija dispożizzjoni, bil-fraži "skond kif kienu ikkunsidrati", tħalli lill-Istati Membri s-setgħa li jiddeterminaw kif għandhom "jieħdu inkunsiderazzjoni" l-ammonti tal-benefiċċju jew tal-benefiċċji jew ta' dħul ieħor li għandu jiġi diviż. Fi kliem ieħor, fil-fehma tiegħi, l-istess dispożizzjoni tagħti marġni ta' diskrezzjoni lill-Istati Membri sabiex jiffissaw l-ammonti tad-dħul li għandhom jiġu kkunsidrati fil-kuntest tal-applikazzjoni tar-regoli antikumulu tagħhom.

48. F'dan ir-rigward, HK isostni li l-klawżola subordinata "skond kif kienu ikkunsidrati" tirreferi għall-klawżola prinċipali "l-ammonti tal-benefiċċju jew benefiċċji u dħul ieħor", li ġew iddeterminati bl-applikazzjoni tar-regoli nazzjonali antikumulu u li, f'dan il-każ, it-teħid inkunsiderazzjoni tal-ammonti mill-istituzzjonijiet Belġjani kompetenti jikkorrispondi għall-għażla ta' pensjoni waħda jew iktar tal-irtirar. Barra minn hekk, in-nuqqas, fl-Artikolu 55(1)(a) tar-Regolament Nru 883/2004, ta' kull referenza espliċita tat-teħid inkunsiderazzjoni tal-ammont li jaqbeż limitu massimu ta' kumulu għad-diversi pensjonijiet inkwistjoni jfisser li dan l-ammont ma jistax jinżamm u li, barra minn hekk, kuntrarjament għal din id-dispożizzjoni, il-paragrafu 1(b) tal-imsemmi artikolu jsemmi "l-elementi kollha stipulati għall-applikazzjoni tar-regoli dwar il-prevenzjoni ta' *overlapping*" [22].

49. Ma iniex konvint minn dawn l-argumenti. Fil-fatt, minn naħa, fil-fehma tiegħi, fid-dawl tal-formulazzjoni tal-imsemmi Artikolu 55(1)(a), it-teħid inkunsiderazzjoni tal-ammonti msemmija jista' jseħħ mhux biss fl-istadju tal-għażla tal-pensjonijiet ikkonċernati iżda wkoll fl-istabbiliment tal-modalitajiet ta' kalkolu tal-ammonti kkunsidrati għad-diviżjoni li għandha ssir. Min-naħa l-oħra, din id-dispożizzjoni lanqas ma tipprovdi espliċitament li għandu jiġi diviż l-ammont totali tal-benefiċċji kkonċernati. Jekk jitqies li l-kliem "l-ammonti skont kif kienu ikkunsidrati" jimplika neċessarjament li jsir riferiment għall-ammont totali tal-benefiċċji kkonċernati, dan iwassal sabiex dawn it-termini jiġu mċaħħda minn kull sens jew raġuni u jitneħħa l-marġni ta' diskrezzjoni li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni li jagħti lill-Istati Membri.

50. Konsegwentement, fil-fehma tiegħi, il-formulazzjoni tal-Artikolu 55(1)(a) tar-Regolament Nru 883/2004 tindika li l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà, skont ir-regoli antikumulu tagħhom, li jiddividu l-ammont tad-dħul li jeċċedi limitu massimu ta' kumulu tad-diversi pensjonijiet ikkunsidrati. Dawn l-Istati Membri jistgħu wkoll, skont l-għażla tagħhom, jiddeċiedu li d-diviżjoni li għandha ssir għandha pjuttost tirrigwarda l-ammont totali tal-benefiċċji kkonċernati.

51. Din l-interpretazzjoni hija kkorroborata, fit-tieni lok, mill-kuntest li jagħmel parti minnu l-Artikolu 55(1)(a) tar-Regolament Nru 883/2004.

[21] Sentenza tas-16 ta' Marzu 2023, Towercast (C-449/21, EU:C:2023:207, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[22] Skont l-Artikolu 55(1)(b) tar-Regolament Nru 883/2004, "jekk ir-riċeviment ta' benefiċċji ta' tip differenti jew ta' dħul ieħor jitlob l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-prevenzjoni ta' *overlapping* stabbiliti fil-leġislazzjoni ta' l-Istati Membri konċernati dwar benefiċċju pro rata jew aktar minn benefiċċju wieħed, l-istituzzjonijiet kompetenti għandhom jikkunsidraw il-benefiċċju jew benefiċċji jew dħul ieħor u l-elementi kollha stipulati għall-applikazzjoni tar-regoli dwar il-prevenzjoni ta' *overlapping* bħala funzjoni tal-proporzjon bejn il-perjodi ta' residenza u/jew assigurazzjoni stabbiliti għall-kalkulazzjoni msemmija fl-Artikolu 52(1)(b)(ii)".

52. Fil-fatt, skont il-premessa 29 ta' dan ir-regolament, il-ħaddiema migranti u s-superstiti tagħhom għandhom jiġu protetti kontra "applikazzjoni ħarxa ż-żejjed" tal-klawżoli nazzjonali ta' tnaqqis, ta' sospensjoni jew ta' tneħħija. Konsegwentement, l-imsemmi regolament ma għandux l-għan li jħassar ir-regoli nazzjonali antikumulu iżda biss li jillimita l-effetti tagħhom meta l-applikazzjoni tagħhom tkun partikolarment sfavorevoli għall-ħaddiema li jkunu eżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu. Issa, fil-fehma tiegħi, ma jidhirx li t-teħid inkunsiderazzjoni, minn Stat Membru, tal-ammont li jeċċedi limitu massimu ta' kumulu tad-diversi pensjonijiet ikkunsidrati huwa partikolarment sfavorevoli għall-ħaddiema kkonċernati [23].

53. Barra minn hekk, il-premessa 4 tal-istess regolament tistabbilixxi li għandhom jiġu osservati l-*karatteristiċi speċifiċi tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali tas-sigurtà soċjali* u li tiġi żviluppata biss sistema ta' koordinazzjoni. Mill-premessi 30 u 31 tar-Regolament Nru 883/2004 jirriżulta wkoll li huwa l-leġiżlatur nazzjonali li għandu jimplimenta regoli li jillimitaw il-kumulu ta' żewġ pensjonijiet jew iktar li d-dritt tagħhom ikun inkiseb fi Stati Membri differenti, u l-leġiżlatur tal-Unjoni għandu min-naħa tiegħu jiddetermina biss il-limiti li fihom jistgħu japplikaw dawn ir-regoli.

54. Fid-dawl ta' dawn il-premessi, naqbel mal-pożizzjoni tal-Gvern Finlandiż li l-Artikolu 55(1)(a) ta' dan ir-regolament ma jarmonizzax b'mod partikolari l-kalkolu tal-pensjonijiet tas-superstiti jew tal-ammont tagħhom. Huma l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li għandhom jiddeterminaw dawn il-modalitajiet fil-kuntest tal-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni. Stat Membru jista' għalhekk jagħżel li jiddividi l-ammont li jaqbeż limitu massimu ta' kumulu tal-pensjonijiet differenti kkunsidrati. Fi kliem ieħor, il-kuntest tal-imsemmija dispożizzjoni ma jimplikax li l-Istati Membri għandhom neċessarjament jadottaw l-interpretazzjoni l-iktar favorevoli għall-persuna kkonċernata fir-rigward tal-ammont li għandu jiġi diviż.

55. B'mod iktar ġenerali, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, it-Trattat FUE ma jiggarantixxix lil ħaddiem li l-estensjoni tal-attivitajiet tiegħu f'iktar minn Stat Membru wieħed jew it-trasferiment tagħhom fi Stat Membru ieħor ikunu newtrali fil-qasam tas-sigurtà soċjali. Fid-dawl tad-differenzi bejn il-leġiżlazzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-Istati Membri, tali estensjoni jew tali trasferiment jistgħu, skont il-każijiet, ikunu iktar jew inqas vantaġġużi jew żvantaġġużi għall-ħaddiem fil-livell tal-protezzjoni soċjali. Minn dan jirriżulta li, anki fil-każ fejn l-applikazzjoni tagħha hija għalhekk inqas favorevoli, tali leġiżlazzjoni tibqa' konformi mal-Artikoli 45 u 48 TFUE jekk hija ma tpoġġix fi żvantaġġ lill-ħaddiem ikkonċernat meta mqabbel ma' dawk li jeżerċitaw l-attivitajiet kollha tagħhom fl-Istat Membru fejn hija tapplika jew meta mqabbel ma' dawk li kienu diġà preċedentement suġġetti għaliha u jekk hija ma twasslux purament u sempliċement sabiex iħallas kontribuzzjonijiet soċjali mingħajr ebda ritorn [24].

[23] B'hekk, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 55(1)(a) tar-Regolament Nru 883/2004, il-persuna kkonċernata ma tiġix imċaħħda mill-istatus tagħha ta' pensjonant għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti l-oħra ta' dan ir-regolament.

[24] Ara s-sentenza tas-25 ta' Novembru 2021, Finanzamt Österreich (Allowances tal-familja għal ħaddiem umanitarju fil-qasam tal-iżvilupp) (C-372/20, EU:C:2021:962, punt 80 u l-ġurisprudenza ċċitata).

56. F'dan il-każ, fir-rigward tal-kawża prinċipali, il-qorti tar-rinviju osservat li HK huwa intitolat għal pensjoni ta' superstiti Belġjana biss minħabba l-applikazzjoni tal-Artikolu 55(1)(a) tar-Regolament Nru 883/2004 [25]. F'dawn il-kundizzjonijiet, id-dritt tal-Unjoni, fi kwalunkwe każ, anki fil-każ fejn din id-dispożizzjoni tiġi applikata billi jiġi diviż l-ammont li jaqbeż limitu massimu ta' kumulu tad-diversi pensjonijiet meqjusa, jibbenefika lill-ħaddiem migrant [26].

57. Fit-tielet lok, l-interpretazzjoni li tgħid li Stat Membru jista' jagħżel li jiddividi l-ammont tad-dħul li jaqbeż limitu massimu ta' kumulu tad-diversi pensjonijiet ikkunsidrati hija sostnuta mill-għanijiet imfittxija mir-Regolament Nru 883/2004. Fil-fatt, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li dan huwa intiż, kif jirriżulta mill-premessi 1 u 45 tiegħu kif ukoll mill-Artikolu 42 KE, li sar l-Artikolu 48 TFUE, sabiex jiżgura l-moviment liberu tal-ħaddiema fl-Unjoni Ewropea, filwaqt li josserva l-karatteristiċi proprji tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali tas-sigurtà soċjali, u sabiex jikkoordina s-sistemi nazzjonali ta' sigurtà soċjali tal-Istati Membri sabiex jiġi ggarantit l-eżerċizzju effettiv tal-moviment liberu tal-persuni u, għalhekk, sabiex jikkontribwixxi għat-titjib tal-livell ta' għajxien u tal-kundizzjonijiet ta' impjieg tal-persuni li jiċċaqilqu fi ħdan l-Unjoni [27].

58. F'dan ir-rigward, dejjem skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, ir-Regolament Nru 883/2004 ma jistabbilixxix skema komuni ta' sigurtà soċjali, iżda jħalli jissussistu skemi nazzjonali distinti. L-Istati Membri jżommu l-kompetenza tagħhom li jorganizzaw is-sistemi ta' sigurtà soċjali tagħhom u, fl-assenza ta' armonizzazzjoni fil-livell tal-Unjoni, huwa kull Stat Membru li għandu jiddetermina fil-leġiżlazzjoni tiegħu, b'mod partikolari, il-kundizzjonijiet li jagħtu dritt għal benefiċċji soċjali, b'konformità mad-dritt tal-Unjoni [28]. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' skema komuni ta' sigurtà soċjali jimplika li, filwaqt li ma jiġux ippenalizzati l-ħaddiema li jkunu eżerċitaw id-dritt tagħhom għal moviment liberu, għandha *titħares l-integrità finanzjarja* tal-iskemi tas-sigurtà soċjali tal-Istati Membri [29]. L-għan tar-regoli antikumulu huwa għalhekk li jiġi evitat kumulu mhux iġġustifikat ta' benefiċċji soċjali [30].

59. Għaldaqstant, mill-għanijiet tar-Regolament Nru 883/2004 jirriżulta li l-Istati Membri huma kompetenti sabiex jiddeterminaw kif għandhom l-intenzjoni li jieħdu inkunsiderazzjoni l-ammonti tal-benefiċċju jew tal-benefiċċji jew ta' dħul ieħor fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 55(1)(a) ta' dan ir-regolament, b'mod partikolari sabiex tiġi ppreżervata l-integrità finanzjarja tal-iskema ta' sigurtà soċjali tagħhom. F'dan is-sens, l-Istati Membri għandhom id-dritt li jieħdu miżuri intiżi sabiex jiżguraw fuq perijodu twil l-ekwilibriju tas-sistema tagħhom, sabiex ikomplu jipproteġu l-persuni assigurati kollha.

25 Ara l-punt 28 ta' dawn il-konklużjonijiet.

26 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, minn naħa, li għalkemm l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għandha bħala riżultat li tagħti vantaġġ lill-ħaddiem migrant meta mqabbel ma' dak li ma huwiex, hija ma għandhiex, madankollu, natura diskriminatorja, peress li l-ħaddiema migranti ma humiex f'sitwazzjoni paragunabbli ma' dik tal-ħaddiema li qatt ma telqu minn pajjiżhom u, min-naħa l-oħra, li l-eventwali diverġenzi eżistenti għall-benefiċċju tal-ħaddiema migranti huma r-riżultat, mhux tal-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, iżda tan-nuqqas ta' skema komuni ta' sigurtà soċjali, jew tan-nuqqas ta' armonizzazzjoni tal-iskemi nazzjonali eżistenti, li ma jistax jiġi rrimedjat mis-sempliċi koordinazzjoni pprattikata attwalment (ara s-sentenza tat-22 ta' April 1993, Levatino, C-65/92, EU:C:1993:149, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 Sentenza tat-3 ta' Ġunju 2021, TEAM POWER EUROPE (C-784/19, EU:C:2021:427, punt 58 u l-ġurisprudenza ċċitata).

28 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Settembru 2022, Rechtsanwaltskammer Wien (C-58/21, EU:C:2022:691, punt 61 u l-ġurisprudenza ċċitata).

29 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Ottubru 2021, Zakład Ubezpieczeń Społecznych I Oddział w Warszawie (C-866/19, EU:C:2021:865, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Mejju 2014, Wiering (C-347/12, EU:C:2014:300, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata).

60. F'dan il-każ, il-Gvern Belġjan isostni li, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-pensjonijiet tal-ħaddiema applikabbli, jiġifieri l-Artikolu 52(1) tad-Digriet Irjali tal-21 ta' Diċembru 1967, fil-każ ta' kumulu tal-pensjonijiet tal-irtirar u tal-pensjonijiet tas-superstiti, ir-regoli antikumulu japplikaw biss għad-dritt idderivat (il-pensjoni tas-superstiti) u mhux għad-dritt personali (il-pensjoni tal-irtirar), karatteristika li tispjega l-modalitajiet ta' kalkolu tal-ammont ta' pensjoni tas-superstiti li ġew adottati. Fil-fehma tiegħi, tali approċċ jaqa' taħt il-kompetenza tal-Istati Membri u la huwa l-leġiżlatur tal-Unjoni u lanqas il-Qorti tal-Ġustizzja li għandhom jimponu modalitajiet preċiżi ta' kalkolu tal-ammonti li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni u li japplikaw għal dawn l-Istati kollha.

61. Fir-raba' lok, tali interpretazzjoni hija sostnuta wkoll mill-oriġini tal-Artikolu 55(1)(a) tar-Regolament Nru 883/2004. Kif irrilevat il-Qorti tal-Ġustizzja, dan ir-regolament immodernizza u ssemplifika r-regoli li jinsabu fir-Regolament Nru 1408/71, filwaqt li żamm *l-istess għan* bħal dan tal-aħħar [31]. Issa, f'dan il-każ, l-Artikolu 46ċ tar-Regolament Nru 1408/71, li kien jipprevedi l-Artikolu 55(1)(a) tar-Regolament Nru 883/2004, iddikjara li jekk l-għoti ta' benefiċċji ta' natura differenti jew ta' dħul ieħor jinvolvi kemm it-tnaqqis, kif ukoll is-sospensjoni jew it-tneħħija ta' żewġ benefiċċji jew iktar, l-ammonti li ma jitħallsux fil-każ ta' applikazzjoni stretta tal-klawżoli ta' tnaqqis, sospensjoni jew tneħħija *previsti mil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri kkonċernati* huma diviżi bin-numru ta' benefiċċji suġġetti għal tnaqqis, sospensjoni jew tneħħija [32]. Konsegwentement, għalkemm il-leġiżlatur tal-Unjoni għażel formulazzjoni differenti ta' dan l-Artikolu 55(1)(a) minn dik proposta mill-Kummissjoni [33], l-Artikolu 46ċ tar-Regolament Nru 1408/71, fuq l-istess prinċipju, jirreferi wkoll għal ammonti ddeterminati mhux mil-leġiżlatur tal-Unjoni iżda mill-Istati Membri [34].

62. Fl-aħħar, il-qorti tar-rinviju tindika li, skont is-SFP, l-istituzzjonijiet kompetenti Finlandiżi pproċedew eżattament bħalu fir-rigward tal-modalitajiet ta' kalkolu tal-pensjoni tas-superstiti Finlandiża ta' HK [35]. Dan tal-aħħar, min-naħa tiegħu, jirreferi għal ċirkolari tal-Caisse nationale d'assurance vieillesse (il-Fond Nazzjonali tal-Assigurazzjoni għax-Xjuħija, Franza), li ssegwi l-istess interpretazzjoni bħal dik li huwa jsostni [36]. Madankollu, ma nara l-ebda kontradizzjoni f'din id-differenza fl-approċċ. Fil-fatt, kif indikajt preċedentement, l-Istati Membri għandhom id-dritt li jiddeterminaw il-modalitajiet tal-kalkolu tal-ammont ta' pensjoni tas-superstiti, sakemm dawn

[31] Ara s-sentenza tat-30 ta' Settembru 2021, Raad van bestuur van het Uitvoeringsinstituut werknemersverzekeringen (Uwv) (C-285/20, EU:C:2021:785, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[32] Kif enfasizza awtur iċċitat mill-qorti tar-rinviju, fir-rigward tal-pensjonijiet tax-xjuħija u tas-superstiti, l-unika emenda sostantiva bejn ir-Regolamenti Nri 1408/71 u 883/2004 tirrigwarda waħda mir-regoli ta' limitazzjoni tal-portata tar-regoli nazzjonali antikumulu, jiġifieri li ma huwiex iktar l-ammont ta' benefiċċju li ma jiġix ipprovdut li huwa diviż, iżda l-benefiċċji jew id-dħul meħuda inkunsiderazzjoni għall-applikazzjoni tar-regola ta' nuqqas ta' kumulu. Ara M. Morsa "La coordination des systèmes de sécurité sociale: règlements (CE) 883/2004 et 987/2009 versus règlements nº 1408/71 et 574/72: ce qui a changé au 1er mai 2010", *Journal des tribunaux du travail*, Nru 1096, 2011, p. 181 sa 192, b'mod partikolari p. 191.

[33] Ara l-proposta għal Regolament tal-Kunsill (KE) li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1408/71 dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-siġurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità u r-Regolament (KEE) Nru 574/72 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 (KUM(98) 547 finali) (ĠU 1998, C 325, p. 12). Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, il-Kummissjoni tenfasizza li l-Artikolu 37 tal-proposta tagħha għal regolament kien ifformulat b'mod analogu għall-Artikolu 46ċ tar-Regolament Nru 1408/71 u li l-formulazzjoni tal-Artikolu 55(1)(a) tar-Regolament Nru 883/2004 hija r-riżultat tan-negozjati matul il-proċedura leġiżlattiva.

[34] Ninnota li ċerti awturi jsegwu, essenzjalment, interpretazzjoni oħra li tgħid li, fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 55(1)(a) tar-Regolament Nru 883/2004, issa huma l-ammonti tal-pensjonijiet li għandhom jiġu aggregati, u mhux is-somom imnaqqsa, li huma diviżi. Ara, b'mod partikolari, H. Verschueren, "Regulation 883/2004 and Invalidity and Old-Age Pensions", *European Journal of Social Security*, Vol. 11, 2009, Nri 1 u 2, p. 143 sa 162, b'mod partikolari p. 159; R. Schuler, fi M. Fuchs, u R. Cornelissen, *EU Social Security Law, A Commentary on EU Regulations 883/2004 and 987/2009*, C.H. Beck – Hart Publishing – Nomos, 2015, p. 359 sa 362, b'mod partikolari p. 361, kif ukoll J.-P. Lhernould, "Protection sociale et droit de l'Union européenne – Prestations servies dans le cadre des règlements de coordination (CE) nº 883/2004 et (CE) nº 987/2009", *JurisClasseur Europe*, faxxikolu 618, 2023, punt 53.

[35] Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, HK jikkontesta din l-affermazzjoni tas-SFP billi jenfasizza li l-awtoritajiet Finlandiżi ma applikawx l-Artikolu 55(1)(a) tar-Regolament Nru 883/2004 meta tawh pensjoni tas-superstiti.

[36] Ara l-punt 32 ta' dawn il-konklużjonijiet.

josservaw id-dritt tal-Unjoni. Issa, f'dan il-każ, l-Artikolu 55(1)(a) tar-Regolament Nru 883/2004 jippermetti li jiġi diviż jew l-ammont totali tal-benefiċċji kkonċernati, jew l-ammont tad-dħul li jeċċedi limitu massimu ta' kumulu tad-diversi pensjonijiet ikkunsidrati. L-istituzzjonijiet kompetenti tad-diversi Stati Membri jistgħu għalhekk ġustament ma jużawx l-istess metodi ta' kalkolu.

63. Fid-dawl ta' dak kollu li ġie espost f'dawn il-konklużjonijiet, inqis li l-Artikolu 55(1)(a) tar-Regolament Nru 883/2004 għandu jiġi interpretat fis-sens li, jekk ir-riċezzjoni ta' benefiċċji ta' natura differenti jimplika l-applikazzjoni ta' regoli nazzjonali antikumulu fir-rigward ta' benefiċċji awtonomi, dan ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li l-istituzzjonijiet kompetenti, sabiex jikkalkolaw l-ammont ta' pensjoni tas-superstiti, jiddividu l-ammont tad-dħul li jaqbeż limitu massimu ta' kumulu tal-pensjonijiet differenti kkunsidrati bin-numru ta' pensjonijiet tas-superstiti suġġetti għal dawn ir-regoli.

V. Konklużjoni

64. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mit-tribunal du travail francophone de Bruxelles (it-Tribunal Industrijali ta' Brussell bil-lingwa Franċiża (il-Belġju)) kif ġej:

L-Artikolu 55(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

jekk ir-riċezzjoni ta' benefiċċji ta' natura differenti jimplika l-applikazzjoni ta' regoli nazzjonali antikumulu fir-rigward ta' benefiċċji awtonomi, dan ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li l-istituzzjonijiet kompetenti, sabiex jikkalkolaw l-ammont ta' pensjoni tas-superstiti, jiddividu l-ammont tad-dħul li jaqbeż limitu massimu ta' kumulu tal-pensjonijiet differenti kkunsidrati bin-numru ta' pensjonijiet tas-superstiti suġġetti għal dawn ir-regoli.